# 100 Sena Orgni

## Parroċċa Ħal Safi

## L-istorja tal-Orgni Mascioni f'Ħal Safi

*Kitba ta' Dorian Baldacchino*

Din is-sena jaħbat il-mitt sena minn meta l-orgni Opus 356 tal-parroċċa tagħna kien semma' l-vuċi tiegħu għall-ewwel darba. Dan l-anniversarju mhux biss ta' importanza bħala parroċċa imma anke fuq aspett lokali minħabba li hu l-ewwel orgni tad-Ditta Mascioni u jaħdem b'sistema pnewmatika-tubulari. San Ġwann Bosco kien iħobb jgħid: *Un oratorio senza musica è come un corpo senz'anima* (oratorju mingħajr mużika qisu ġisem mingħajr ruħ). Dan il-kliem jixhed kemm l-instrumenti tal-mużika kienu importanti ħafna biex janimaw il-komunità. Fil-bidu tas-seklu 20 ħafna knejjes f'Malta u Għawdex kienu neqsin mill-instrument tal-orgni. Għaldaqstant il-kumpanija Mascioni li għalkemm f'dan il-perjodi kienet diġà ilha 94 sena teżisti, l-isem tagħha ma kienx magħruf fil-gżejjer Maltin, iżda llum il-ġurnata nsibu madwar 11-il orgni ta' din id-ditta fil-gżejjer Maltin.

### Id-Ditta Mascioni


Giacomo Mascioni u wliedu

L-istorja tad-ditta magħrufa Mascioni tmur lura fis-seklu 19 meta l-fundatur Giacomo Mascioni, imwieled fl-1 ta' Mejju 1811, ġie introdott fl-arti tal-bini tal-orgni miz-zijiet tiegħu Giuseppe Antonio u Pasquale Antonio, li kienu patrijiet, ippersawduh biex jiftaħ fabbrika għall-manifattura tal-orgnijiet. Wara żmien ta' studju fil-mużika u anke bħala apprentistat taħt il-gwida tal-kompożitur Pietro Della Valle, ingħaqad ma' Gaspare Chiesa li kien dixxendent ta' familija ta' bennejja tal-orgni. Għall-bidu Giacomo sab dan ix-xogħol diffiċli sakemm maż-żmien irnexxielu jaħtaf diversi opportunitajiet. Fl-1829 Giacomo waqqaf il-fabbrika tal-orgni tiegħu stess f'Commacchio di Cuvio.

Giacomo ħadem l-ewwel orgnijiet bl-isem Mascioni fl-1835 għall-knisja parrokkjali ta' Germignaga, Arona (1842) u Gravedona (1850). Il-fama tiegħu waslet biex id-Ditta Mascioni taħdem għall-Barnese Jura fl-Iżvizzera. Giacomo kellu tliet ulied: Anacleto (1837-93), Bernardo (1844-90) u Gaspare (1848-93) li kkollaboraw fin-negozju ta' missierhom.




Vincenzo Mascioni

Għadd ta' klijenti Taljani bdew jordnaw l-orgni tagħhom mid-Ditta Mascioni. Il-kumpanija bdiet tlaħħaq tagħmel żewġ orgnijiet f'sena. Il-ħidma ta' Giacomo kompliet minn iben Bernardo, Vincenzo (1871- 1953). Vincenzo daħal jaħdem fil-fabbrika fl-1883 u wara l-mewt ta' missieru ħa f'idejh it-tmexxija amministrattiva waqt li ħuh Enrico (1869-1935) daħal fil-kumpanija bħala disinjatur, wara li kien għamel l-istudji tiegħu fl-Accademia di Brera ta' Milan. B'hekk id-ditta kienet qed toħloq orgnijiet b'ħoss isbaħ kif ukoll b'disinn li jiġbed l-għajn. Vincenzo kien bena l-ewwel orgni tiegħu f'Gironico fl-1889 fl-età ta' 18-il sena. Għalkemm il-kumpanija kienet qiegħda tagħmel suċċess, Vincenzo kellu tilwima ma' nannuh Giacomo il-fundatur tal-kumpanija minħabba li jekk il-kumpanija ma kinitx se taġġorna maż-żminijiet kienet se taffaċċja problemi serji. B'hekk fl-1895, Vincenzo abbanduna l-ħanut tax-xogħol l-antik u fetaħ wieħed aktar modern f'Azzio fil-viċin fejn għadha bbażata l-fabbrika ta' Mascioni. Fl-1900 Vincenzo, li kien dejjem attent għall-iżviluppi fl-arti tal-bini tal-orgnijiet, introduċa sistema pnewmatika-tubulari sabiex ikompli javvanza fit-teknika tal-manifattura. Dan wassal biex għadd ta' knejjes Taljani bħal Luino, Vercelli, Busto u oħrajn akkwistaw orgni tad-Ditta Mascioni. Diversi orgnijiet ta' din id-ditta nsibuhom f'akkademiji mużikali bħal Napli, Venezja, Bergamo, Bologna u Como.


Vincenzo Mascioni flimkien ma' uliedu

Il-fama tal-kumpanija Mascioni kienet kibret u l-ordnijiet ġew ukoll minn barra bħall-orgni fil-knisja kattolika ta' Vevey fl-Iżvizzera (1901). Fl-1904 il-kumpanija Mascioni rebħet il-kompetizzjoni għar-restawr tal-orgni tal-katidral ta' Milan li kien inawgurat fl-1908. Fl-1907 bena orgni bi tliet tastieri u 35 waqfa għall-wirja Internazzjonali tal-Mużika ta' Milan, li ngħatat u rebaħ il-premju l-kbir f'din il-wrija. Għad-disinn tal-kaxxi tal-orgni, Vincenzo approfitta mill-kollaborazzjoni tal-kuġin tiegħu Virgilio (1877-1949) li kien pittur, disinjatur u pittur tal-affreski. Meta spiċċat l-Ewwel Gwerra Dinjija daħlu jaħdmu miegħu wkoll is-sitt uliedu:

Giacomo (1897-1975), Angelo (1907-1969), Vincenzino (1910-1975) u Tullio (1914-1999), kull wieħed kellu rwol speċifiku. Kif spiċċat il-gwerra ftit kien hemm ordnijiet għall-manifattura tal-orgnijiet, sakemm dawn ħadu spinta qawwija fl-1920. Kien f'dan il-perjodu li ġie ordnat l-orgni ta' Ħal Safi (1923) u tlesta sena wara. Matul is-snin id-ditta wettqet ukoll diversi xogħolijiet ta' restawr fuq l-orgni. F'dan iż-żmien l-orgnijiet kienu jaħdmu permezz ta' minfaħ imma lejna l-aħħar tas-snin għoxrin il-kumpanija bdiet tesperimenta għall-orgni bl-eletriku. L-ewwel orgni b'din is-sistema kien ta' Santa Maria Maggiore f'Trento (1928 Opus 402).

Fl-1938 id-Ditta Mascioni (Opus 506) flimkien mad-Ditta Tamburini (Opus 191) bnew l-orgni prinċipali tad-Duomo ta' Milan. Dan hu l-akbar orgni fl-Italja, it-tieni l-akbar fl-Ewropa u s-seba' l-akbar mid-dinja kollha. Dan l-orgni kien ġie ordnat minn Benito Mussolini. Fost l-aktar orgnijiet importanti li ditta mascioni bniet kien dak għall-Istitut Pontifiċju tal-Mużika Sagra f'Ruma (1932). Għalkemm matul it-Tieni Gwerra Dinjija t-tfal u l-impjegati kienu imsejħa kbiex imorru għall-gwerra, imma l-attività fi ħdan il-kumpanija ma waqfitx għalkollox. Fit-12 ta' Awwissu nirien kbar ħakmu l-fabbrika li kważi nqerdet għalkollox. F'Ottubru tal-istess sena tlesta xogħol ta' rikostruzzjoni. Vincenzo Mascioni miet fil-21 ta' Lulju fl-1953 waqt li ditta tiegħu kienet qed tagħmel restawr fuq l-orgni tal-Knisja ta' Santa Maria Maggiore fi Trento. Wara l-mewt ta' missierhom, uliedu komplew in-negozju bl-isem Famiglia Artigiana Vincenzo Mascioni. Bejn il-ħamsinijiet u sittinijiet, in-neputijiet ta' Vincenzo: Eugenio, Enrico u Mario (ulied Ernesto) ingħaqdu wkoll mal-kumpanija flimkien mal-kuġin tagħhom Giovanni (iben Tullio). Sal-lum il-ġurnata d-ditta għadha tkompli bl-attività tagħha mas-sitt ġenerazzjoni tal-familja taħt l-isem tal-kumpanija Famiglia Vincenzo Mascioni. Id-ditta bniet 'l fuq minn elf strument li jinsabu fl-Italja, l-Iżvizzera, Spanja, dik li kienet il-Jugoslavja, Malta, il-Marokk, l-Iżlanda, il-Ġappun, it-Turkija, l-Arġentina u l-Ekwador.[1]



*Ritratt ta' fejn kien hemm il-fabbrika l-antika u l-ġdida ta' Mascioni*



## L-Orgni ta' Ħal Safi

Kif semmejna qabel id-Ditta Mascioni kienet isem ġdid għall-gżejjer Maltin fil-bini tal-orgnijiet. Interessanti li l-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġwann Patist Ghigo (1919-1924) kien organista fil-parroċċa tal-Imqabba qabel ma kien sar kappillan ta' Ħal Safi. F'dak iż-żmien il-parroċċa tal-Imqabba kellhom orgni tad-ditta magħrufa Inzoli li kien inqered fit-Tieni Gwerra Dinjija 1942.[2] L-isem ta' Napoleone Valvassori kien magħruf f'Malta għat-tiswijiet tal-orgni. Valvassori kien bennej tal-orgnijiet impjegat mad-Ditta Mascioni li mbagħad mar jgħix f'numru 44, Triq is-Sajjieda il-Marsa. Ma nafux meta kien ġie jgħix f'Malta imma żgur li fl-1923 l-isem tiegħu kien diġà stabbilit fil-gżejjer Maltin. Għalkemm Valvassori ma kienx għadu jaħdem mad-Ditta Mascioni baqgħu ħbieb kbar b'mod speċjali fejn jidħol ix-xogħol tal-orgni.[3] Kien għalhekk li meta l-kappillan Ghigo kellu l-problemi fl-orgni ta' Ħal Safi kien stieden lil Valvassori jmur il-Knisja biex jarah. Dan kien orgni żgħir bi 8 reġistri u 56 nota, u kien jinsab fil-gallerija tal-kor.[4] L-idea oriġinali kienet li tiġi rranġata l-ħsara li kellu imma din l-idea ġiet abbandunata fuq parir li Vincenzo Mascioni kien ta lil Valvassori biex javża lill-kappillan Ghigo biex ma joqgħodx juża' materjal użat minħabba l-ħasra kbira li kellu. B'hekk il-kappillan fuq il-parir ta' Valvassori ddeċieda li jordna orgni ġdid mingħand id-Ditta Mascioni. L-orgni l-ġdid kellu jkun magħmul minn 56 nota, u pedalliera ta' 27 nota, bil-kompożizzjoni fonetika ta': principale 8, Viola 8, Unda Maris 8, Flute 4, Octava 4, Decimaquinta 2, Ripieno 2 fjal 1.1/3, subbass 16 fuq il-pedaliera u b'total ta' 575 suffara.[5] Dan l-orgni kien ordnat f'Settembru tal-1923 u kien ġej jiswa £151. Jekk dan l-ammont naqilbuh f'Ewro bir-rata ta' dak iż-żmien jiġi €13,428.99 u kellu jħallas ftit inqas minn £20 bħala dazju. Dan l-orgni kien tħallas minn benefattur tal-parroċċa Michel'Anġ Busuttil li ftit tas-snin qabel kien ħallas minn butu s-sett ta' qniepen tal-kumpanija Barigozzi minn Milan. Il-pjan kien li sa Novembru tal 1923 ikun lest.[6] Minħabba li dan l-orgni kien ġej naqra ikbar mill-antik il-gallerija tal-kor kellha tikber b'nofs pied biex ikun jista' joqgħod sew.[7]


*Kejl tal-gallerija tal-orgni*

Sfortunatament id-Ditta Mascioni ma kinitx laħqet lestiet l-orgni sa Novembru. B'hekk il-festa tal-25 ta' Jannar tal-1924 kienet iċċelebrata mingħajr id-daqq tal-orgni. Fl-ittra datata 6 ta' Frar 1924, Vincenzo Mascioni informa lill-kappillan li l-orgni kien kważi lest u fit-13 ta' Marzu




*Disinn tal-orgni ta' Ħal Safi 1923*

1924 kien ipakkjat f'sitt kaxxi tal-injam. B'kollox kien jiżen 509kg u kien żarmat f'1,642 biċċa.[8] Intbagħat lejn Malta fuq il-vapur Baito li kien ġie minn Genoa. L-orgni wasal Malta f'April tal-1924 u kien ġie armat minn Napoleone Valvassori kif kien informat il-kappillan Ghigo minn Mascioni. Il-wasla ta' dan l-orgni kien mistenni ħafna minn diversi parroċċi li kienu għadhom bla orgni minħabba li l-isem Mascioni kien ġdid f'dawn il-gżejjer.[9] L-orgni kien inawgurat fis-27 ta' April 1924 Ħadd fuq l-Għid il-Kbir. Meta tlesta kien ġie jżuru l-Isqof ta' Malta Mauro Caruana u Mons. Micheal Gonzi li dak iż-żmien kien prokuratur tal-knisja tal-Kalkara.[10] Il-Kappillan Ghigo kien organista u kien organizza serata speċjali biex jinawgura dan l-orgni. Għal din l-okkażjoni Antonio Nani kien għamel addattament tal-Antifona *Sancte Paule* biex tindaqq fuq l-orgni. Il-Kappillan Ghigo kien ħa ħsieb iġib il-gallerija tal-kor, waħda miż-żewġ galleriji li kien hemm fil-knisja Parrokkjali fis-Siġġiewi. Dan nistgħu ngħiduh minħabba li kemm il-qisien kif ukoll id-disinn fuq il-gallerija li nsibu f'ta' Ħal Safi hija kopja eżatta bħal dik tas-Siġġiewi. Jekk wieħed jinnota naqra s-simboli li nsibu fuq il-gallerija wieħed jista' jara l-bidliet li saru fl-iskultra biex tiġi addattata għal Ħal Safi.

Fl-1961 kien sar ftehim mad-Ditta Mascioni biex jitwaħħal mutur tal-elettriku ħalli jħaddem il-manfaħ tal-orgni. F'Jannar tal-1962 wasal il-mutur u tpoġġa f'postu minn Dun Mikiel D'Amato. Dan il-mutur kien sewa madwar £200 ekwivalenti għal €5,347.68 bir-rata ta' dak iż-żmien. Matul iż-żmien l-orgni Mascioni sarulu żewg restawri wieħed fis-snin sittin u l-ieħor fl-2004.

Fl-2004 l-orgni ta' Ħal Safi sarlu restawr estensiv mis-Sur Robert Buhagiar. Robert Buhagiar, li sal-lum, hu l-persuna nkarigata li tieħu ħsieb il-kura u l-manutenzjoni tal-orgni, gradwa fl-1997 bħala Electrical engineer. Iżda l-imħabba li għandu għall-istrument tal-orgni wasslitu sabiex imur jistudja mal-kumpanija Mascioni, fejn tgħallem u pprattika l-arti tas-sengħa tal-bini tal-orgni. Fl-1999 fetaħ bottega għar-restawr tal-orgnijiet f'Ħaż-Żabbar. L-ewwel orgni li kien irrestawra kien l-orgni pnewmatiku tas-Siġġiewi, liema restawr kien suċċess kbir, li kien rikonoxxut minn organisti lokali u internazzjonali.

Matul iż-żmien kienu diversi organisti jew nies minn Ħal Safi li semmgħulna l-vuċi ta' dan l-orgni. Dawn huma: Franġisk Żammit, Filomen Cachia, Nazzareno Callus, Dun Tony Pace, Sylvana Camilleri, Charlene Farrugia, Pauline Pace, Roberta Mangion, Rachel Napoli u Veronica Sciberras.



Għalkemm għaddew 100 sena għadna x-xorti li nistgħu ngawdu l-ħoss mill-isbaħ ta' dan l-orgni b'mod speċjali fl-okkażjonijiet l-aktar solenni fil-knisja kif ukoll xi kunċerti li jsiru matul iż-żmien. B'hekk huwa dmir tagħna li nieħdu ħsieb din l-opra mill-isbaħ biex jibqgħu jgawduha ta' warajna.

**Referenzi**

1. https://www.treccani.it/enciclopedia/mascioni_%28Dizionario-Biografico%29/
2. Mascioni Archives (M.A) 17 ta' Lulju 1923
3. M.A. 7 ta' Mejju 1923
4. Ibid
5. M.A. 14 ta' Awwissu1923
6. Ibid
7. M.A. 26 ta' Awwissu 1923
8. M.A. 25 ta' Marzu 1924
9. M.A. 31 ta' Jannar 1924
10. M.A. 24 ta' April 1924



## Insiru nafu aktar lill-orgni

*Kitba ta' Robert Buhagiar*



Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Safi hija mżejna b'orgni tas-sfafar sabiħ li jogħna l-funzjonijiet liturġiċi li jsiru.

Meta tħares lejn il-gallerija tal-orgni fuq il-bieb prinċipali tal-knisja tara faċċata kbira kollha skultura. Għalkemm sabiħa, din l-iskultura sfortunatament qiegħda tgħatti l-prospett oriġinali, li huwa rari peress li fih għaxar sfafar tal-injam fuq kull naħa tal-parti ċentrali li fiha 17-il suffara tal-metall. Għalhekk il-prospett (faċċata) tal-orgni li naraw illum hu differenti għax fil-ġnub flok is-sfafar tal-injam naraw xi sfafar mhux oriġinali li mill-viċin jidhru kemm mhuma artistiċi xejn. Problema oħra li ġġib magħha din l-iskultura hija li l-aċċess għal ġewwa l-orgni biex isiru tiswijiet u manutenzjoni huwa limitat wisq.

Kull orgni tas-sfafar tista' tħares lejh bħala magna li tipproduċi l-ħoss. Fil-każ tal-orgni ta' Ħal Safi din il-'magna' taħdem b'sistema pnewmatika. Għalhekk il-valvoli li jagħtu l-arja lis-sfafar jinfetħu jew jingħalqu permezz ta' sistema ta' boroż tal-ġilda li jintnefħu bl-arja meta l-organista jagħfas xi nota partikolari. Din hija sistema kumplessa ħafna u ilha ma tintuża mis-snin ħamsin (1950's), meta saret aktar popolari s-sistema elettro-pnewmatika. Is-sistemi pnewmatiċi li kienet tibni d-ditta Mascioni huma tajbin ħafna u peress li dawn qatt aktar mhuma se jerġgħu jsiru, għandhom valur uniku u storiku. Barra minn Malta, orgnijiet b'sistema pnewmatika tajba huma kkonservati u rrestawrati b'reqqa għax jitqiesu ta' valur kbir. Għalhekk mil-lat ta' inġinerija l-orgni ta' Ħal Safi huwa ġojjell li hu dmir tagħna nieħdu ħsiebu.

Iżda issa jmiss li nitkellmu ftit dwar il-ħoss tal-orgni. Kif għedna, il-ħoss jiġi meta l-arja tidħol fis-sfafar u dawn isaffru. Is-sfafar huma organizzati f'settijiet jew reġistri, u kull reġistru b'vuċi partikolari, ngħidu aħna wieħed b'vuċi ta' Flawt u ieħor b'vuċi ta' Vjola. L-orgni ta' Ħal Safi fih 8 reġistri għal total ta' madwar 575 suffara. Is-sfafar huma maħduma b'sengħa kbira biex il-ħoss bejn ir-reġistri jitħallat sew. L-orgni jista' jindaqq b'mod kwiet u ħelu, kif ukoll b'mod qawwi u maestuż, skont il-bżonn. Il-vuċi ta' dan l-orgni għandha xeħta romantika u għandha valur artistiku kbir.

Permezz ta' dan l-artiklu qasir tajna ħarsa lejn l-orgni tal-knisja parrokkjali tagħna. Għandna nkunu kburin u napprezzaw li missirijietna għamlu sagrifiċċji kbar biex bnew dan l-orgni. Huwa dmir tagħna li filwaqt li ngawduh, inħarsuh u ngħadduh lil uliedna.

# Programm Mużikali

## 1. Prelude, Fugue and Chaconne in C Major
Kompożitur: Dietrich Buxtehude
Organist: Mark Vassallo

## 2. Trumpet Voluntary
Kompożitur: John Stanley
Organist: Mark Vassallo
Trumbettier: Jonathan Caruana

## 3. Imperial March
Kompożitur: Edward Elgar
Organist: Mark Vassallo

## 4. Pie Jesu
Kompożitur: Sir Andrew Lloyd Webber
Organista: Sylvana Camilleri

## 5. Aria Sulla Quarta Corda
Kompożitur: Johann Sebastian Bach
Organista: Sylvana Camilleri

## 6. O Salutaris Hostia
Kompożitur – Paul Portelli
Organist – Paul Portelli
Kor: Sine Macula

## 7. Veni Electa Mea
Kompożitur: Patri Alberto Borg OSA
Organist: Paul Portelli
Kor: Sine Macula

## 8. Suite Gothique
Kompożitur: Léon Boëllmann
Organist: Joseph Caruana

## 9. Marcia
Kompożitur: George Frideric Handel
Organist: Joseph Caruana

## 10. Toccata and Fuge in D Minor
Kompożitur: Johann Sebastian Bach
Organist: Joseph Caruana

## Il-Kor Sine Macula

Il-Kor Sine Macula ilu attiv fix-xena tal-korijiet Maltija u internazzjonali sa mill-1983. Il-membri ġejjin mill-aspetti kollha tal-ħajja u ta' kull età. Waqt li l-maġġor parti tal-koristi huma mir-raħal ta' Ħal Safi, oħrajn ġejjin mill-irħula qrib. Minkejja dan, kulħadd huwa mistieden u l-unika rekwiżit huwa vuċi tajba għall-kant!

Bħala kor huwa residenti fil-Parroċċa ta' Ħal Safi ddedikata għall-Konverżjoni ta' San Pawl u janima s-servizz liturġiċi fl-istess parroċċa, b'mod speċjali l-festi tal-Milied, il-festi tal-Għid, il-festa liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl u dik tas-sajf f'Awwissu.

Spiss il-kor jieħu sehem f'kunċerti u f'festivals li jsiru Malta. Il-kor kanta wkoll fil-Ġermanja (1992), Sqallija (2001 u 2008) Wales (2019) u f'Montecatini Terme (2022). Fit-tliet opportunitajiet il-kor ngħata akkoljenza tajba, bil-Ġermaniżi jiddeskrivu l-mużika Maltija bħala "żiffa ħelwa mill-Mediterran!"

Preżentament il-kor huwa mmexxi minn Mro Alexandra Borg.



## Każin San Pawl A.D. 1929

Sabiex tingħata spinta lill-festa u biex ikun hemm post fejn jinġabru n-nies tar-raħal inkriet mingħand is-Sur Emmanuel Busuttil id-dar numru 2 li kienet tinsab fil-pjazza ta' Ħal Safi, dan ingħata l-isem ta' Circolo San Paolo. Il-Każin fetaħ il-bibien tiegħu, fl-1 ta' Jannar 1929. Fost il-fundaturi kien hemm is-Sur Pawlu Busuttil u Filomen Cachia. Fl-1960, saru festi speċjali, li damu sejrin ġimgħatejn, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tan-Nawfraġju ta' San Pawl. F'din is-sena, saret ukoll għall-ewwel darba il-festa f'Ġunju, flok dik tal-25 ta' Jannar.

Fil-25 ta' Ottubru 1985, saret Seduta Ġenerali li fiha l-membri qablu li jagħtu setgħa lill-kumitat biex dan jara xi bżonnijiet hemm li jsiru ġol-każin. Sabiex isir dan ix-xogħol il-membri kienu wkoll qablu li l-każin jinxtara mingħand is-sidien. Dan wassal sabiex fis-27 ta' Settembru 1987, beda jinħatt il-każin u fil-11 ta' Ottubru tal-istess sena tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-każin il-ġdid. Liema każin infetaħ fl-20 ta' Awwissu 1989. Il-bini tal-każin il-ġdid ħeġġeġ lil Ħal Safin sabiex titwaqqaf banda fir-raħal. Kien għalhekk li fit-18 ta' Settembru 1988, ħatar lis-Sur Anthony Busuttil u s-Sur Tony Pace biex bejniethom jaraw kif dil-ħolma setgħet titwettaq.



F'Ottubru tal-1988 saret laqgħa għall-ġenituri ta' dawk it-tfal li xtaqu jibdew jitgħallmu l-mużika, u fl-istess xahar bdew il-lezzjonijiet tal-mużika mis-Sur Tony Pace, bl-għajnuna ta' Sylvana Camilleri u Anthony Busuttil. L-ewwel programm mużikali mill-Banda San Pawl, twettaq fil-pjazza quddiem il-każin, lejlet il-Milied tas-sena 1989, fejn indaqqu għanjiet popolari tal-Milied u sar kant mill-Kor Sine Macula taħt id-direzzjoni tas-Sur Tony Pace. L-ewwel Surmast Direttur tal-Banda San Pawl kien Mro Ugo Buhagiar, u maż-żmien inxtraw marċi u libretti, sar standard, u inħadem planċier disinn ta' Salvu Bugeja.

## Sylvana Camilleri



Sylvana Camilleri twieldet Ħ'Attard fil-21 ta Mejju 1971. Sylvana trabbiet u għexet Ħal Safi. Sa minn ċkunita wriet passjoni kbira lejn il-mużika tant li minn età żgħira bdiet tistudja l-mużika għand il-Professur Charles Zammit.

Ta' 11-il sena bdiet tanima l-quddiesa f'Ħal Safi fuq l-istess orgni li llejla qed nisimgħu jindaqq. Sylvana temmet l-istudji tagħha fl-1995 b'diploma ALCM fit-teorija u pjanu. Ħadmet ma' diversi kantanti u mużiċisti u matul is-snin Sylvana baqgħet tkun organista residenti, fejn kienet tanima diversi funzjonijiet sagri għal bosta snin.

## Mark Vassallo



Fl-età ta' 25 sena, Mark huwa l-iżgħar fost il-ftit orgnanisti li nsibu fil-gżejjer Maltin. Huwa beda juri interess fil-mużika fl-età ta' 7 snin u beda jiffoka b'mod partikolari fuq il-mużika tal-orgni fl-età ta' 11-il sena.

Għalkemm Mark tgħallem l-orgni waħdu, hu kien assistit minn diversi organisti oħra. Mark attenda diversi korsijiet fi ħdan l-'Oundle Music Trust' li permezz tal-programm 'Oundle For Organists' toffri gwida speċjalizzata lill-organisti żgħar. Dan il-programm huwa gwidat minn organisti prolifiċi u rinomati bħal Mr James Vivian (Direttur tal-Mużika ta' St. George's Chapel Windsor Castle) u Mr Frederic Blanc (Organista titulari fil-Knisja ta' Notre-Dame ta' Auteuil f'Parigi u student ta' Durufle).

Fl-2015, Mark kien premjat b'mentorship award minn 'Oundle Music Trust' f'St. George's Chapel, Windsor Castle, fejn kien taħt il-gwida ta' Richard Pinel. Pinel iservi wkoll bħala professur tal-orgni fir-Royal Academy of Music u għadu joffri gwida lil Mark sal-ġurnata tal-lum.



Mark huwa l-organista residenti tal-'Coro Bel Canto' u tal-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi. Flimkien mal-Coro Bel Canto, huwa jdoqq f'aktar minn 10 festi fis-sena, apparti diversi kunċerti matul is-sena ta' natura liturġika u sekulari. Flimkien mal-Coro Bel Canto, Mark akkumpanja l-Orkestra Filarmonika ta' Malta fil-premier tal-Oratorju 'Canticum Vitae'.

Riċentament, Mark kien ukoll l-organista prinċipali li akkumpanja l-kor nazzjonali ta' Malta, 'KorMalta', lokalment, kif ukoll barra minn xtutna fi Vjenna, l-Awstrija.

## Mro Paul Portelli F.L.C.M



Mro Paul Portell studja l-armonija u l-kontrapunt ma' Patri Albert Borg O.S.A., u l-prattika tal-pjanu. Aktar tard, huwa studja l-orkestrazzjoni ma' Mro. Ronnie Debattista li wassluh biex jikseb tliet diplomi, A.L.C.M. fil-prattika tal-pjanu, A. Mus. LCM u L.Mus L. LCM fit-teorija. Konsegwentement, huwa beda jistudja l-improvviżazzjoni fuq l-istil Jazz ma' Mro Paul Abela fil-Johann Strauss School of Music u fl-2010, huwa kiseb l-ogħla diploma, F.L.C.M fil-kompożizzjoni tal-London College of Music.

Fl-2002, huwa ġie mitlub biex jidderieġi l-Kor Parrokkjali taż-Żurrieq - Cantate Domino A.D. 1956, wara l-mewt ta' zijuh li kien il-fundatur u d-direttur tal-istess kor. Dan ħeġġeġ lil Mro. Portelli biex jieħu kors ta' tliet snin fl-Università ta' Malta li wassluh biex jikseb diploma oħra f'dan il-qasam, b'enfasi partikolari għall-kant Gregorjan u l-polifonija. Meta lesta mill-Università, huwa beda jistudja l-orkestrazzjoni u l-kompożizzjoni kontemporanja mal-mibki Professur Charles Camilleri.

F'Novembru tal-2003, Mro. Portelli kien mistieden mid-direttur tal-iSchola Cantorum Jubilate tax-Xagħra Għawdex, biex jakkumpanja l-kor matul il-festival, "Rencontres Musicales de Méditerranée", li kien sar f'Korsika. Dan kien il-bidu ta' ħbiberija fit-tul li ssarrfu f'kollaborazzjoni sħiħa flimkien u li wasslet sabiex ix-xogħlijiet ta' Portelli jiġu esegwiti waqt diversi kunċerti li dan il-kor jagħti f'diversi knejjes. Fi Frar 2011 waħda mill-biċċiet tiegħu 'Kyrie Eleison' intagħżlet biex tindaqq mill-

Malta Philharmonic Orchestra. F'Ġunju 2012 rebaħ premju speċjali tal-ġurija f'kompetizzjoni għax-xogħol orkestrali tiegħu, 'Five Dun Karm Psaila Poems Suite' organizzata mill-Bank APS.

F'Novembru tal-2015, kor mill-Estonja esegwixxa xogħol tiegħu fil-Biennale Arts Festival, fil-Katidral Metropolitan ta' San Pawl tal-Mdina. Fl-2017 is-sitla 'O Lux Beata Trinitas' ta' Mro. Paul Portelli ġiet klassifikata fit-tieni post fil-Malta International Choir Festival. Waqt li fl-2018 klassifika t-tielet bis-silta 'Flos Carmeli' f'kompetizzjoni organizzata mill-Arċikonfraternità tal-Madonna tal-Karmnu, biex ifakkru l-anniversarju tal-miġja tal-Ordni Karmelitana f'Malta.

Mro Paul Portelli jaħdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bħala għalliem tal-mużika.

---

## Joseph Caruana



Joseph Caruana twieled iż-Żejtun fl-1951. Sa minn età żgħira wera interess kbir fil-mużika b'mod partikolari l-mużika bl-orgni. Però beda jipprattika b'mod formali fl-età ta' 20 sena. Joseph beda jitgħallem il-pjanu taħt Maestro Rev. Michael D'Amato u fl-1975, irnexxielu jikseb Distinction fl-eżami finali ta' Grade 8 tal-Associated Board of the Royal School of Music. Fl-istess sena huwa beda jistudja l-orgni taħt il-gwida ta' Dun Karm Scerri, li dak iż-żmien kien l-organista tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. F'dan l-istess perjodu hu kien ukoll qed jistudja l-armonija taħt il-Professur Maestro Charles Zammit.

Fl-1979 Joseph kiseb l-aħħar diploma fl-istudju tal-orgni mill-Associated Board of the Royal School of Music. Fl-età ta' 29 sena, ikkwalifika wkoll għall-diploma L.T.C.L. fl-orgni.

Fl-1985, li kienet is-sena Europea ddedikata għal mużika, Joseph kien mistieden sabiex jagħti l-ewwel kunċert li qatt kien għamel fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.



Fl-1986, Joseph rebaħ borża ta' studju mill-gvern Franċiż, sabiex jistudja l-orgni fil-konservatorju ta' Lille, taħt id-direzzjoni ta' Philip Lefebvre u Jean Buayer, li tnejn li huma organisti rinomati tal-Katidral ta' Notre Dame f'Pariġi. Dan seta' jkun possibbli bl-assistenza tad-Dipartiment tal-Kultura fi ħdan il-Gvern Malti, li dak iż-żmien kienet titmexxa mill-ex Sindku taż-Żejtun, is-Sur Joe Attard.

Fl-1990, Joseph kien magħżul sabiex jakkumpanja l-korijiet li ħadu sehem fil-quddies Pontifikali preseduta mill-Papa San Ġwanni Pawlu II, li saret fuq il-Fosos tal-Floriana.

F'Lulju tal-1991, huwa kien premjat b'borża ta' studju ieħor, din id-darba fi Sqallija, fejn studja l-kant Gregorjan u l-modulazzjoni tal-vuċi taħt Bruno Zagni, Marika Rizzo u Nino Albarosa. Fl-istess sena hu rrappreżenta lil Malta fil-ħames edizzjoni tal-Kungress Internazzjonali tal-Orgni, li kien sar fi Trecastagne, Sqallija, taħt id-direzzjoni tal-organista renomat Arturo Sacchetti.

Fl-2014, Joseph mill-ġdid ħa sehem fil-Malta International Organ Festival, filwaqt li fl-2017, fuq stedina tal-Gvern Malti, huwa daqq fil-Katidral tan-Nativitá f'Betlehem.

Maestro Joseph Caruana huwa l-organista tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katarina fiż-Żejtun. Hu ħa sehem f'diversi kunċerti, kemm bħala solist u anke bħala akkumpanjament, u dan għenu jikseb reputazzjoni soda bħala wieħed mill-organisti ewlenin ta' pajjiżna. Barra dan fis-6 ta' Lulju 2023, huwa kien premjat bil-premju 'Ħarsien il-Wirt Kulturali' fl-okkażjoni ta' Ġieħ iż-Żejtun 2023.

**Team organizzattiv tal-Kommemorazzjoni tal-100 sena Orgni**

Dorian Baldacchino, Daniel Mangion u Roberta Mangion

**Jippreżentaw**

Anthony Bonnici u Claire Zammit

**Filmat u Fotografija**

Carl Farrugia

**Arranġament tal-Fjuri**

Pauline Zammit

**Kura tal-Orgni u korrispondenza mal-Kumpanija Mascioni**

Robert Buhagiar

**Fuljett Mitbugħ**

Bonnici Press

**Dawl**

Daniel Cauchi

**Xogħol fl-injam**

Ninu Abdilla

**Informazzjoni dwar l-Orgni**

Kumpanija Mascioni

**Ringrazzjament Speċjali**

Kan. Dun Ivan Scicluna, Kappillan ta' Ħal Safi,
il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi, ir-Reġjun Punent,
il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali l-Arti u Gvern Lokali,
il-Banda San Pawl, Ħal Safi, il-Kor Sine Macula,
Horace Ent Ltd, Printink, u
l-organisti kollha li taw sehemhom matul is-snin.





Parroċċa
ĦAL SAFI
Konverżjoni ta' San Pawl

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

REĠJUN PUNENT

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI